

Suġġett

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni li biha jintalab lir-rikorrent ir-rimbors tal-allowance tal-espatrijazzjoni u tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li huwa rċieva matul il-kollokament tiegħu fil-Ġermanja, bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Awwissu 2012, u t-talba għar-rimbors tas-somom diġà rkuprati kif ukoll l-għoti tad-danni.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil DF is-somma ta' EUR 1 500 bħala kumpens għad-danni morali tiegħu.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatli l-ispejjeż tagħha u kwart mill-ispejjeż ta' DF.
- 4) DF għandu jbatli kwart tal-ispejjeż tiegħu.

(¹) ĠU C 367, 14.12.2013, p. 40.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Settembru 2014 – Julien-Maley et vs SEAE

(Kawża F-100/13) (¹)

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Persunal tas-SEAE assenjat f'pajjiż terz — Deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li temenda l-lista tal-pajjiżi terzi li l-kundizzjonijiet tal-ħajja tagħhom huma ekwivalenti għal dawk abitwali fl-Unjoni — Att ta' portata ġenerali — Ammissibbiltà tar-rikors — Evalwazzjoni annwali tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja — Tneħħija)

(2014/C 395/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bruno Julien-Maley (Tokjo, il-Ġappun) et (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tas-SEAE li, mill-1 ta' Jannar 2014, ma jibqax iħallas l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja lill-uffiċjali assenjati fl-Arġentina, fiċ-Ċili, fiċ-Ċina (Hong Kong), fil-Ġappun, fil-Malasja, f'Singapor u fit-Tajwan.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) B. Julien-Maley u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-Anness għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.
- 3) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbatli l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(¹) ĠU C 45, 15.02.2014, p. 46.